**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 235/97

Victor Busuttil

vs

Telemalta Corporation u b' digriet tal-11 ta' Marzu 1999 Maltacom p.l.c.

Illum 22 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1994 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Ir-rikorrent kien applika ghal promozzjoni bhala Telecom Technician 2 fl-1994. Ir-rikorrent ma kienx inghata din il-promozzjoni meta x-xoghol li

kien jaghmel kien xoghol ta' grad ferm aktar minn tieghu. Ir-rikorrent fuq xogholu dejjem ghamel dmiru u aktar ma jhossx li kien hemm raguni valida li tiggustifika n-nuqqas ta' promozzjoni. Minn naha l-ohra min ha l-promozzjoni kellu kwalifiki u esperjenza inqas mir-rikorrent.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi r-rikorrent jinghata l-promozzjoni li haqqu mid-data li haqqu jew jekk dan ir-rimedju ma jistghax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Telemalta li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Telecommunications Technician II kienet harget fis-7 t'Ottubru

1991. Ir-rikorrent kien applika pero’ ma kkwalifikax u ghalhekk ma setghax jinghata l-promozzjoni.

3. Illi ghandu jinghad li minn massimu ta’ 100 marka l-intervista kienet iggorr 45 marka waqt li l-55 marka l-ohra kienu jiddependu minn kriterji ghal kollox oggettivi ta’ snin ta’ servizz u kwalifiki dokumentati. Fuq il-kriterji oggettivi r-rikorrent gab biss 7 minn 55 marka. Dawn kienu mqassmin hekk 2 minn 20 marka tas-snin tas-servizz, 2 minn 20 marka ta’ l-esperjenza fil-grad ta’ TTI; u 3 minn 15-il marka ghall-kwalifiki. Mill-intervista huwa gab 33.3 minn 45 marka. B’ kollox huwa gab 40.3 marki u ghalehkk ma setax jinghata l-promozzjoni.

4. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li dahal mat-Telemalta bhala apprentist fl-1987. Ghamel 3 snin l-apprentistat u wara kiseb il-Journeyman's Certificate u sar Telecom Technician I fl-1990. Fl-1991 applika ghal Telecom Technician 2 u attenda ghall-interview fejn kull ma staqsewh kien f'liema section qieghed, x'tip ta' xoghol jaghmel, fuq it-tipi ta' cables. Hu rrispondihom ghad-domandi. Ir-rizultati tal-promozzjonijiet hargu fl-1993 u hu baqa' barra. Appella lill-Bord Intern tat-Telemalta izda ghalxejn. Sostna li dan sar minhabba motivi politici. Semma diversi nies li hadu l-promozzjoni inkluz lil xi whud minnhom wara l-bord intern, ghalkemm kienu jaghmlu xoghol ferm anqas ta' responsabbilta` minnu.

Dwar l-allokazzjoni tal-marki r-rikorrent xehed li sar TTI mat-Telemalta fis-6 ta` Jannar 1990. Kien applika ghal TT2 f' Ottubru tal-1992. Fl-ezami inghata 2 marki ghas-snin ta` servizz, u 2 marki ghall-esperjenza fil-grad ta` TT1 u ghalhekk kollox sewwa kif suppost. Kellu journeyman' s certificate u fil-fatt inghata marka tieghu kif suppost. 'O' Levels u 'A' Levels ma kellux, izda kellu s-City And Guilds parti mill-Part 1 tat-Telecommunications u ezattament zewg suggetti minn 4 u ghalhekk inghata zewg marki kif suppost. Part 2 u 3 u l-final ma kellux. Anqas l-A u l-B tal-elettriku ma kellu. Dwar kwalifiki ghalhekk ma setax jghid li ma nghatax marki kif suppost ghax inghata t-3 marki li kien intitolat ghalihom. Fl-interview inghata 33.3 marki minn 45. Ma setghax jifhem kif jista` jkun li mar ghar minn Brian Bajada li kien ghadda ahjar minnu u qabzu u fil-fatt dan kull ma ghamel kwarta biss gewwa fil-bord.

Costantino Consiglio Technical Executive mal-Maltacom p.l.c. xehed li r-rikrorent ilu direttament tahtu mill-1991. Semma li jiehu hsieb iqassam ix-xoghol fuq barra lil 4 persuni li hu inkarigat minnhom. Jigbor id-data li jaghtihom. Hu jqassam nies tal-grad tieghu u ghalhekk qieghed jaghmel xoghol superjuri ghar-rank tieghu fis-sens li qieghed jaghmel xoghol ta` chargehand. Semma li Fl-1993 ix-xhud kien ghamel xaharejn imsiefer u f` dik l-okkazjoni ir-rikorrent kien ha hsieb imexxi n-nies matul dawk ix-xaharejn. Meta jkun bil-leave u bis-sick leave hu jiehu hsieb. Meta ix-xhud ikun nieqes r-rikorrent jmexxi parti mis-sezzjoni. Din hija l-Overseeing Section. Sabu jikkopera hafna fuq ix-xoghol u qatt ma kellu ilmenti dwaru. Xogholu jaghmlu kif suppost.

Thomas Roberts Business Development Executive mal-Maltacom p.l.c. xehed li r-rikorrent gie impjegat mat-Telemalta fil-grad ta` Telecom Technician 1 fis-6 ta` Jannar 1990 wara li attenda 3 snin apprenticeship fil-kors tal-ESTS. Imbaghad hu permezz tar-riforma tal-Gvern sar senior technician fl-1 ta` Jannar 1996. Hu kien applika ghall-grad ta` Telecom Technician 2.

Is-sejha ghall-applikazzjoni kienet harget fis-7 ta` Ottubru 1991. Ir-rikorrent kien gab dawn il-marki; bhala snin ta` servizz peress li gie impjegat fl-1990 gie moghti 2 marki, marka ghal kull sena. Fil-grad ta` Telecom Technician 1 peress li wkoll kien ukoll sar technician meta gie impjegat kien inghata 2marki wkoll, marka ghal kull sena. Bhala kwalifiki kien hemm 15-il marka fejn ir-rikorrent gab 3 marki. Fl-interview minn 45 marka nghata 33.3

marki u ghalhekk gab total ta` 40.3 marki. Ipprezenta kopja tal-call for application bir-rizultat, bil-marki kollha kif inghataw ghal kull kriterju.

Il-grad ta` chargehand kien ghola minn dak ta` Telecom Technician 2.

Guido Bartolo Senior Technical Executive mal-Maltacom mill-1987 xehed li ilu jaf lir-rikorrent mil-late 80's. Off and on r-rikorrent kien fis-sections tieghu. Hu kien jaqa' taht is-Sur Consiglio, u mbaghad is-Sur Consiglio direttament tahtu. Semma li qatt ma kellu rapporti negattivi fuqu anzi dejjem tajbin. Zied li r-rikorrent ghandu certu inizjattiva tant li meta darba s-Sur Consiglio kien qieghed kors ta' xi tmien gimghat kif ukoll meta jkun qieghed bil-leave jew sick leave jiehu over hu u imexxi hu b'mod abbli. Relazzjonijiet tar-rikorrenti fuq ix-xoghol, kemm mas-superjuri u kemm mal-inferjuri tieghu kienu dejjem tajbin u qatt ma kien hemm complaints dwarhom.

Joseph Mallia Technical Executive Skala 6 mal-Maltacom. Xehed li dwar ix-xoghol li kienu jaghmlu qabel ma nghataw il-promotion, Brian Bajada beda jahdem mal-Maltacom fis-6/1/1990 bhala Telecom Technician 1 fit-test room, pero` fl-1995 mar fis-sezzjoni tal-Operations and Maintenance External Plant fil-B` Kara test room bhala Telecom Technician. Bhala Telecom Technician 1 ma jahsibx li kellu nies tahtu.

Colin Bugeja kien qieghed il-cable network. Dahal jahdem fit-30 ta` April 1991 bhala Assistant Technical Officer u qieghed is-Sliema Drwawing Office. Xogholu fid-drawing office hu li juri l-layouts tal-cables, ikun jaf jaqra l-mapep tat-toroq koncernati u jkun jaf ukoll bhala sinjali fejn huma d-DP` s. Ikun jaf id-distribution on paper tax-xoghol li qieghed isir.

Jason Aquilina dahal jahdem fl-4 ta` April 1991 u llum il-gurnata qieghed bhala Telecom Technician. Dan jahdem operational maintenance gewwa Sliema, tal-cables. Dan xogholu huwa li jsewwi l-hsarat li jsiru fil-cables kemm dawk overhead u underground. Xogholu wkoll huwa responsabbli hafna ghax ikollu jiftah gonot gieli ta` bejn 100 u 1000 par u hawnhekk ikollu gang.

Dwar Victor Busuttil dan kellu Electronic Systems Technical Qualifications part 1 pass fl-1985, assignments, electronic servicing assignments fl-1995, dawn technical qualifications pass part 1 u part 1. Electronic Servicing Course Studies technical qualifications, dan kien fl-1987, part 2 u l-merit kien pass. Electronic Servicing Course Work Assesments, dan kien fl-1987, Technical Qualifications part 2 u l-marka kienet distinction. Telecom Technician Communication Studies T1 fl-1989, technical qualifications part 1 li kien gab il-marka ta` credit. Mathematics technical 2 fl-1989 part 1 li kien gab pass. Telecom Technician Electronics T1 fl-1989 il-part 1 u gab pass.

Salvino Gatt li kien Chairman ta` bord li kienu qed isiru l-interviews biex nies minn TT1 isiru TT2. Xehed li kienu ghamlu rapport u r-rikorrent minn 100 inghata 40.3 total. Fl-ewwel kolonna hu gab 2 points li kienu minhabba li kien ilu sentejn mal-kumpanija. Applicants received 1 mark out of a maximum of 20 for each year of service with the corporation. It-tieni kriterju kien "applicants in the grade of TT1 received an additional 1 mark out of a maximum of 20 for each year in the grade of TT1. Dan ovvjament dahal bhala TT1, ha zewg marki talli kien ilu sentejn mas-servizz u zewg marki talli kien TT1 mill-ewwel zmien li dahal.

Dwar kwalifiki "applicants received a total of 15 points provided that original certificates were shown to the selection board." Hu ghall-kwalifiki gab 3. "Successful apprentices and holders of a journey mate certificate were awarded one mark. Related O Level subjects were awarded one mark and unrelated subjects were awarded 0.5 mark. Related A Level subjects were awarded 1.5 marks and unrelated subjects were awarded .75 marks. Related City and Guilds subjects were awarded as follows:" ghax ovvjament peress li TT1 is-City & Guilds huwa l-aktar kriterju importanti. "Four marks for TT Course part 1 comprising four modules of T1 and four modules for T2. Marks were accorded proportionately with part 1 was incomplete", jigifieri jekk mhux complete part 1 taghtih marki fuq 4 marks jiddependi f` liema stadju wasal. L-istess haga, 5 marks pero` fuq part 2, "consisting of four modules ukoll of T3. Where part 2 was incomplete marks for part 1 were awarded." Six Marks for Telecom Technician

Course Part 3 consisting of four T4 modules. Where part 3 was incomplete marks for part 2 were awarded.
Imbaghad 15 marks jigifieri maximum for Telecom Technician course. Final certificate, jigifieri dan gab il-final u ghadda minn kollox, consdisting of three modules of T5. Where T5 was incomplete 3 marks were awarded for each of the three subjects passed and added to marks obtained for part 3. Imbaghad unrelated City and Guilds Certificates have been awarded half the marks of related subjects. Enemalta license A and B were considered as equivalent to part 1 and part 2 City & Guilds. Where licenses A and B were unrelated half marks were awarded. Ir-rikorrent gab 3 marks out of 15 ghall-kwalifiki akademici.

Fl-interview marki gab 33.3 out of 45 in segwitu tad-domandi li ghamlulu. Kullhadd jaghti l-marka tieghu u mbaghad tghoddhom u tiddividihom bi tlieta u tohrog l-average. Id-domandi tal-applikanti kienu dejjem relatati max-xoghol li kienu qieghdin jaghmlu fis-sezzjoni taghhom. Ma kienux dahlu fuq il-kwistjoni jekk persuna kienet tkun qed taghmel xoghol ta` rank aktar gholi minn dak tieghu.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien sar Telecom Technician I fl-1990. Fl-1992 applika ghal Telecom Technician II. Diversi xhieda semmew li xogholu kien jaghmlu tajjeb hafna, kien jaghmel xoghol superjuri ghall-livell tieghu f'diversi okkazzjonijiet, u ma kienx hemm problemi dwar xogholu, jew

ma' shabu fuq ix-xoghol jew mas-superjuri tieghu. Hu gab 40.3%. Ma jidhirx li kien hemm xi allokazzjoni zbaljata ta' kif inghataw il-marki ghalkemm ir-rikorrent ilmenta mill-marki tal-interview.

F'dan l-istadju it-Tribunal sejjer jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-18 ta' Marzu, 1999 fil-kawza Marlon Cortis vs Maltacom p.l.c. fejn inghad:

"Dwar il-Maltacom p.l.c. jinghad li dan kien kaz li ghalkemm jidher relattivament facli, fl-istess hin jinghad li l-elementi tieghu preokkupaw hafna l-hsieb tat-Tribunal. Dan qieghed jinghad mhux ghax il-Bord jidher li ma imxiex b'mod onest, ghax ma jidhirx li hemm dubbji fuq dan l-aspett, izda ghal mod kif gew allokati l-marki u xi kunsiderazzjonijiet ohra dwar l-interview. Meta xehed David Buttigieg - principal fl-ufficju tal-personnel - dan semma li kien is-Selection Board li stabbilixxa l-allokazzjoni tal-marki u mhux kienet xi decizzjoni mal-Union. Fir-rapport tas-Selection Board insibu l-kriterji tal-marki elenkati fil-paragrafu 6 u s-sub-paragrafi li hemm. Minn dan jidher li din l-allokazzjoni giet stabbilita ghax il-Bord mexa fuq kriterji wzati mill-Promotions Appeals Board. Pero' dan it-Tribunal jinsab konvint li b'hekk saret ingustizzja mal-applikanti u dan minhabba dak li ser jinghad hawn taht.

Gew allokati "1 mark out of a maximum of 20 for each year of service with the Corporation". Dwar dan 'per se' dan it-

Tribunal ma ghandux tant x'jikkumenta hlief li jirrileva li din il-marka kienet qedgha tinghata irrispettivament mill-grad li persuna tkun qedgha tokkupa. Ukoll gie allokat "applicants in the grade of Telecoms Technician I received an additional 1 mark out of a maximum of 20 for each year in the grade of Telecoms Technician I". Dwar dan it-Tribunal ghandu x'ghid. Ma jaghmilx sens li meta wiehed qieghed iqis li l-applikanti huma ghal TTII, dawk li qedghin jahdmu bhala TTI jinghataw biss marka ghal kull sena ta' servizz f'dan ir-rank. Meta wiehed jezamina r-rapport esibit jirrizulta li minn 196 applikant, fl-20 marka allokata, dawk li qabzu il-marka 6 huma 3 biss mill-ewwel 50 klassifikati, 17 mit-tieni hamsin klassifikati, 1 mit-tielet 50 klassifikati, u 0 mill-ahhar hamsin klassifikati, b'total ta' 21 minn 196 li qabzu l-marka 6. Ma jistax jigi allokat 20 marka b'marka ghal kull sena meta 175 ser jgibu 6 jew anqas minn 20 u tghidlu kriterju gust. Dan kien fattwali anke ghall-ewwel 50 klassifikati.

Dwar l-allokazzjoni tal-marki ghal kwalifiki hemm imnizzel fil-paragrafu 6 (iv) il-kriterji. Pero' meta wiehed jezamina r-rapport jinkwieta bil-fors li ma saritx gustizzja mall-haddiema. Infatti jirrizulta li dawk li kellhom aktar minn nofs il-marki kienu 25 mill-ewwel hamsin klassifikati u hadd mill-bqija, b'mod li hemm 25 minn total ta' 196 u cioe' 171 wehlu minn dan il-kriterju.

Ghalhekk gew riservati 45% tal-marki ghall-interview li wara dak li intqal hawn fuq assuma importanza tremenda. L-

ewwel nett fil-fehma tat-Tribunal ma jistax jithalla daqshekk persentagg fuq element suggettiv specjalment meta wiehed iqis li f'zewg elementi ohra hafna mill-applikanti ma ghaddewx u ghalhekk dan il-kriterju assuma aktar importanza mill-45%. Ukoll lanqas ma irrizulta li fl-allokazzjoni tal-45% inghata importanza ghal xi rakkomandazzjonijiet tas-superjuri tal-haddiema, jew ghal xi ezami tal-personal file tal-istess applikanti izda biss gudizzju fuq ftit minuti ta' interview [mhux xi ezami skritt] li dditermina kollox.

Lanqas ma kien il-kaz li applikaw hafna li ma kinux 'up to standard' ghax l-istess Bord ikkwalifika 78 applikant.

Dan kollu jwassal li biex wiehed jista' jghid li ssir gustizzja hemm bzonn li l-istess rapport jigi modifikat. Dan it-Tribunal ihoss li biex issir gustizzja l-marki allokati ghal snin ta' servizz bhala TTI u ghall-kwalifiki ghandhom jigu rduppjati basta dawn ma jaqbzux l-20 marka allokati. Fejn ir-rikorrent ikun vicinissimu tal-50% tal-marki, hu possibli li l-marka tal-interview tigi modifikata minimalment fejn jirrizultaw lit-Tribunal rakkomandazzjonijiet tas-superjuri tal-applikanti. Pero' dan it-Tribunal mhux sejjer jiddisturba r-rapport aktar milli fuq dawn il-kriterji hlief meta u jekk tirrizulta xi ingustizzja specifika li f'dan il-kaz ma irrizultatx."

Fuq il-bazi ta' dak li issema hawn fuq ir-rikorrent jiehu 4 marki ghal esperjenza bhala TTI flok 2, u 6 flok 3 marki ghall-kwalifiki, u ghalhekk it-total jizdied b'5% li jwassal ghal total ta' 45.3%.

Sfortunatament dan mhux sufficjenti ghar-rikorrenti. Il-gwaj tieghu hu li ma tantx kellu kwalifiki u lanqas kien ilu wisq TTI. Izda generosita' zejda mieghu tkun ingustizzja ma' haddiema ohra. Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.